MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Numru 11/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Andy Calleja**

***-- omissis --***

**Il-Qorti**:

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-3 ta’ Gunju 2004 fil-konfront ta’ erbgha minn nies involuti f’*hold up* u serqa mill-fergha tal-Bank of Valletta f’Ta’ Farsina Hal-Qormi, fil-kors ta’ liema serqa inqatel il-Kuntistabbli tal-Pulizija 949 Roger Debattista.

Ghalkemm is-sentenza inghatat fil-konfront tal-erba' partecipanti fis-serqa, huwa biss Andy Calleja li appella mill-piena ta' prigunerija ghal ghomru moghtija minn dik il-Qorti.

2. Calleja instab hati – wara li dan ammetta fl-istadju meta quddiem il-Qorti Kriminali l-akkuzat jigi mistoqsi x'irid iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu – ta' serq ta' vettura kwalifikat bil-vjolenza numerika, valur (aktar minn mitt lira), mezz u xorta tal-haga misruqa (l-ewwel kap); serq ta' flus u oggetti kwalifikat bil-vjolenza (konsistenti din il-vjolanza f'omicidju volontarju, offiza fuq persuna ta' eta\` ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta' omicidju, ta' offiza fuq il-persuna u ta' hsara fil-proprjeta\`, uzu ta' arma u vjolenza numerika), lok, u valur (aktar minn elf lira) (it-tieni kap); l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet kap – akkuza ta' omicidju volontarju – peress li dan il-kap kien alternattiv ghat-tieni kap; Calleja gie wkoll dikjarat li huwa recidiv f'delitt, inkluz dak ta' serq aggravat.

3. Il-partijiet tas-sentenza tal-ewwel Qorti li huma relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell qed jigu riprodotti hawn taht:

"Semghet ix-xhieda ta' Silvana Cardona  prodotta mid-difiza ta' Andy Calleja  ghal fini tal-piena;

"Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-erba akkuzati w tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

"Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza ta' **Andy Calleja**, li jinsabu registrati u senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe\` li hu kien ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu mill-bidu sal-ahhar fl-statement tieghu; li hu kien mifni bil-problema tad-droga u li ma xtaqx ir-rizultat tal-incident u li kien hemm element ta' rimors ; li hu kellu "up-bringing" hazin u problemi u nuqqas ta' komunikazzjoni mall-genituri tieghu; li ghadu sal-lum dispjacut u jilmenta li meta kien intbaghat il-habs l-ewwel darba kienu poggewh mall-maggorenni; li ghandu japplika l-artikolu 17(h) tal-Kap.9; li kemm ilu l-habs taht arrest preventiv kien ta' kondotta tajba; li hu kien ghamel

ammissjoni bikrija u li f' kazijiet ohra il-Qorti tat piena entro l-parametri indikati fl-artikolu 492 kif indika l-istess Avukat Generali anki f'dan il-kaz u li dawn il-fatturi kollha kienu jimilitaw favur li din il-Qorti tezercita d-diskrezzjoni li kien jaghtiha l-Artikolu 492(1) tal-Kap. 9.

*Omissis*

"Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Mark Said, li beda biex qal li dan kien kaz tragiku w gravi ghaliex kien jinvolvi l-mewt ta' ufficjal tal-pulizija, missier ezemplari li kien qed jipprova jissupllimenta d-dhul tieghu ghall-familja billi jaghmel xoghol "extra" bhala gwardja mall-bank fejn inqatel fil-kors tad-doveri tieghu. Kontrastat mall-agir ta' Andy Muscat [recte: Andy Calleja], jidher li dan kien kaz ukoll ta' spavalderija ta' erba' zaghzagh biex jiehdu l-"easy road" ha jaghmlu kemxa flus. Li l-Prosekuzzjoni kienet taqbel li ghandhu jkun hemm l-assorbiment ghall-fini tal-piena kontemplat fl-artikolu 17(h) u li skondha l-parametri tal-piena kellhom ikunu fil-kaz ta' Mark George Falzon bejn 13 il-xahar u seba snin u fil-kaz ta' Borg u Galdes bejn hames snin u disgha snin . Fil-kaz ta' Andy Calleja, seta' japplika l-artikolu 492(1) lejn il-massimu tal-parametri fih kontemplati;

"Ikkonsidrat;

"Illi mill-fedini penali aggornati tal-erba hatja esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti jemergu l-fatti segwenti :-

"**ANDY CALLEJA** mill-1995 sal-lum instab hati mill-Qrati ghaxar (10) darbiet, f'sitt okkazzjonijiet minnhom **qabel** il-kommissjoni tar-reati minnu hawn ammessi. Fost ir-reati li taghhom instab hati kien hemm zewg kazi ta' serq aggravat bil-vjolenza jew/u mezz, valur u lok; zewg kazi ta' pussess ta' droga u kaz ta' reat kontinwat ta' li ghex minn fuq il-prostituzzjoni ta' minorenni u li hajjar ghall-prostituzzjoni tfajliet taht l-eta` jew eccita l-korruzzjoni taghhom u kkorrompa lill-istess minorenni, kif ukoll kaz fejn hu kkaguna danni volontarji u dan bir-recidiva. Kien gie liberat b'kondizzjoni darbtejn , immultat darbtejn u diga' kien gie sentenzjat ghall-prigunerija darbtejn. Instab

hati ukoll ta' reati konnessi mas-sewqan li jirrisalu ghall-periodu qabel il-kommissjoni tar-reati hawn ammessi izda li gie misjub hati taghhom u immultat wara li gie arrestat in konnessjoni ma dal-kaz.

*Omissis*

"Ikkonsidrat

"Li ghal dak li jirrigwarda lil hati **Andy Calleja**, ghalkemm il-piena ghal serq aggravat b'omicidju volontarju hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

"Illi biex din il-Qorti waslet biex tiddeciedi jekk f'dan il-kaz kelliex tuza id-diskrezzjoni li tatiha l-ligi qieset il-fatturi kollha imsemmija mill-prosekuzzjoni u d-difiza fit-trattazzjoni taghhom.

"Illi wahda mir-ragunijiet li adduciet id-difiza fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta .

"Issa pero` kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

"Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**““Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that “something in the order of one-third would very often be an appropriate discount”, but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ‘tactical plea’, where the offender delayed his plea until the final moment in a case**

**where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”**

“Ikkonsidrat;

“Illi f’dan il-kaz, meta Andy Calleja tressaq il-Qorti fl-14 ta’ Novembru, 2001 u gie mistoqsi jekk riedx iwiegeb u x’iwiegeb fuq l-akkuza, wiegeb li jirrizerva. Meta umbaghad rega’ resaq fit-22 ta’ Novembru, 2001 u rega’ sar l-ezami, wiegeb li ma kienx hati w dan minkejja li hu kien diga’ ammetta l-involviment tieghu fil-qtil ta’ PC Roger Debsttista waqt is-serqa mill-bank fl-istqarrija tieghu lil Pulizija. Hu zamm din il-pozizzjoni ferma tul il-kumpilazzjoni kollha u baqa ma rregistrax ammissjoni. Meta umbaghad hu gie notifikat bl-att tal-akkuza odjern fis-7 ta’ Mejju, 2003, hu llimita ruhu li jipprezenta nota b’lista tax-xhieda in difesa w ma ta ebda indikazzjoni li kien behsiebu jammetti, kif seta’ facilment jaghmel b’nota appozita kieku ried. L-ammissjoni tieghu saret biss seduta stante fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju, 2004, kwazi tlitt snin u nofs wara l-kommissjoni tar-reati minnu ammessi.

“Hu minnu li l-hati meta l-kawza giet appuntata ghas-smiegh quddiem din il-Qorti kkoopera billi rrinunzja ghal kull terminu w ammetta, imma fic-cirkostanzi meta wiehed iqis l-“***iter”*** tal-process ma jistax jintqal li f’dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-hati ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, il-hati ***“delayed his plea until the final moment “.*** Inoltre mill-precedenti penali tal-hati fuq imsemmija w bil-mod kif fi ftit snin iggradwa mis-serq aggravat, ghall-pussess tad-droga, ghall-prostituzzjoni w korruzzjoni ta’ diversi tfajliet minorenni w finalment inkuruna l-“opus” kriminali tieghu b’serq aggravat bi qtil ta’ kuntistabbli tal-Pulizija,  jidher car li hu ta’ minaccja serja ghas-socjeta’ w li ***“..the protection of the public makes it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence be passed.”***

“Fid-dawl ta’ dan kollu ghalkemm il-Qorti ghandha l-fakulta` li minflok piena ghal ghomor tapplika l-piena fil-parametri indikati fl-Artikolu 492(1) stante li giet registrata ammissjoni qabel ma gie format il-guri, meta giet biex tiddeciedi jekk ghandhiex tezercita id-diskrezzjoni li tatiha l-ligi biex ma tapplikax il-piena ta’ ghomor il-habs jew le, il-Qorti ghalkemm qieset il-konsiderazzjonijiet kollha msemmija mid-difiza favur il-hati w senjatament l-ammissjoni, ghallinqas f’dan l-ahhar stadju tal-process, kif ukoll il-fatturi kollha li semma l-abbli difensur tieghu fuq gja in succint riepilogati,  il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minhabba dan id-delitt tragiku, deliberat u krudili, motivat mill-flus, fejn il-hati, wara li fera lill-kuntistabbli Debattista meta spara fuq il-bieb tal-bank, hass li kellu jerga jisparalu ghall-darba ohra b’senter minn distanza ravvicinata f’parti vitali ta’ gismu. L-agir kiefer tal-hati wassal biex inqatel Kuntistabbli tal-Pulizija fil-qadi tad-dmirijiet tieghu li jipprotegi il-hajja ta’ bnedmin ohra li kienu fil-bank li kien qed jigi attakkat u l-proprjeta` kemm tal-bank kif ukoll tac-cittadini l-ohra li dak il-hin kienu qed jinqdew hemm. Il-gravita` ta’ dan l-omicidju li akkompanja w aggrava r-reat ta’ serq ammess mill-hati fit-tieni kap tal-Att tal-Akkuza hija tali li, konsidrata l-fedina penali refrattarja tal-hati recidiv fuq imsemmija, tqis li m’ghandhiex f’dan il-kaz tezercita d-diskrezzjoni li tatiha l-ligi fl-artikolu 492(1) tal-Kap.9.

*Omissis*

“Tikkundanna lill-hati **Andy Calleja**, recidiv, ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru kif ukoll tikkunndannah li jhallas is-somma ta’ hames mija u wiehed u sittin lira Maltija u tminja w sittin centezmu (LM561.68c), import ta’ kwart (1/4) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati li b’kollox jammontaw ghal LM2246.75c a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

4. Fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 2005 din il-Qorti semghet lill-abbili difensuri tal-partijiet – Dott. Emanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran ghall-appellant, u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni – jitrattaw l-appell. Ghandu jigi precisat li d-difensuri ta’ l-

appellant f'dana l-istadju ta' appell ma kienux l-istess difensuri li kellu l-appellant quddiem l-ewwel Qorti. F'dik l-istess udjenza Dott. Mallia talab u insista hafna li ghandu jkun hemm *pre-sentencing inquiry report* qabel ma din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha. Din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza *"…b'intendiment car li jekk din il-Qorti tkun tal-fehma u* [recte: li] *hu mehtieg jew desiderabbli li jsir pre-sentencing inquiry report, il-Qorti tinforma lill-partijiet permezz tar-registratur…[u] id-digriet relattiv jista' jinghata kameralment u ghalhekk minghajr il-htiega li jinghata fil-Qorti bil-miftuh."* Effettivament din il-Qorti, fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghha, ma hassitx il-htiega jew l-utilita` ta' tali rapport, u ghalhekk sejra tghaddi llum ghas-sentenza.

5. Fir-rikors ta' appell tieghu tal-25 ta' Gunju 2004[1] l-appellant ressaq diversi aggravji fil-konfront tas-sentenza, jew ahjar, fil-konfront tal-piena li nghatat lilu, u l-abbili difensuri tieghu komplew jelaboraw dwar dawn l-istess aggravji fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2005 aktar 'il fuq imsemmija. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina dawn l-aggravji *seriatim*, tajjeb li wiehed jipprecisa f'hix kien jikkonsisti essenzjalment ir-reat principali – dak ta' serq aggravat, fost ohrajn, b'omicidju volontarju – li tieghu instab hati l-appellant. Qeghdin nitkellmu hawn dwar serqa armata – jew kif tissejjah fil-gergo gurnalistiku, serqa b'*hold up* – li sehhet f'fergha tal-Bank of Valletta fit-12 ta' Novembru 2001. Ghassa ma' dik il-fergha dak in-nhar kien hemm il-Kuntistabbli Roger Debattista. Mill-erba' malviventi li ppartecipaw f'din is-serqa, l-appellant biss kien armat b'senter. L-appellant l-ewwel spara fid-direzzjoni tal-Kuntistabbli Debattista meta dan ta' l-ahhar kien ghadu fuq gewwa wara l-bieb tal-hgieg ta' barra tal-bank – ara r-ritratt C6 a fol. 405 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni – bir-rizultat li c-comb l-ewwel laqghat il-bieb tal-hgieg u ghalhekk tilef hafna mis-sahha tieghu u Debattista wegga' biss superficjalment. Debattista indjetreggja, u kif l-appellant dahal fil-bank rega' spara tir iehor fid-direzzjoni tal-pulizija li issa kien jinsab ftit fuq in-

[1] Jigi precisat li l-appellant kien ippresenta rikors ta' appell iehor fit-22 ta' Gunju 2004; permezz ta' nota datata 25 ta' Gunju 2004 huwa talab li jigi kunsidrat biss ir-rikors ta' l-istess data, cioe` dak tal-25 ta' Gunju 2004.

naha tax-xellug tal-bieb int u diehel (ara l-istqarrija tal-appellant minnu maghmula lill-pulizija, u b'mod partikolari l-parti li tinsab a fol. 63 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni). Dan it-tieni tir ikkawza l-mewt tal-Kuntistabbli Debattista. L-appellant, fl-istqarrija tieghu, qal li hu spara t-tieni tir ghax Debattista ghamel mossa li kienet tindika li hu (Debattista) kien sejjer juza l-arma li kellu:

***Spettur***: *Inti qed taghmilli sinjal li qisu qed jaqla' l-arma Andy?*
***Andy*** *: Jaqla l-arma biex jispara cert, cert mija fil-mija, issa jew aharquni jew ghamlu li tridu, jisparali kien zgur, zgur zgur.*
***Spettur***: *U x'ghamilt? U sparajt tir iehor jigifieri? Le hemm hekk sparajt tir iehor? Jigifieri x'hin rajt hekk.*
***Andy*** *: Iva. Hekk kienet il-bicca tax-xoghol. Jien bzajt, rajtu li ser jisparali u kien jisparali zgur, bhalma kienu f'kazi ohra. Jien iddefendejt ruhhi. Zgur kien jisparali, zgur. Qed nghidlek cert mija fil-mija. Daqs kemm jien cert li sparajt jien.* [2]

6. Din id-dinamika ta' kif inqatel il-Kuntistabbli Debattista, fit-tentattiv tieghu – tentattiv li din il-Qorti ma tistax hlief tikkunsidrah bhala wiehed kuraggjuz ghall-ahhar – sabiex jipprova jipprotegi l-bank u lill-klienti tieghu minkejja li kien ferut, hija korroborata kemm mir-ritratti tal-*cameras* li kien hemm gewwa u barra l-bank (ara fol. 403 sa 416), kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Dott. Mario Scerri (Dok. MS a fol. 619, specjalment pagni 75 sa 78 tal-imsemmi dokument) u minn dik ta' l-esperti ballistici l-Brigadier Maurice Calleja u s-Surgenti Joseph Bonello u Joseph Farrugia (ara in partikolari fol. 455 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni).

7. Il-qofol ta' dan l-appell jirrigwarda kif kellha tapplika d-diskrezzjoni taghha l-ewwel Qorti fid-dawl tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 492 tal-Kodici Kriminali. Din id-disposizzjoni dahlet fil-Kodici Kriminali bl-Artikolu 114 tal-Att III tal-2002 u tipprovdi hekk:

[2] Fol. 64.

***“Meta f’xi stadju qabel jigi fformat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu u ghall-fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-qorti tista’, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena.”***

Qabel ma giet fis-sehh din id-disposizzjoni, persuna li tammetti l-htija taghha fil-kaz ta’ reat fejn il-piena hi dik ta’ prigunerija ghall-ghomor kellha bilfors tinghata dik il-piena. Salv xi ligijiet partikolari li kienu ga’ jipprovdu xort’ohra – bhal, per ezempju, il-Kap. 101 – kien biss meta l-gurati ma jkunux unanimi fil-verdett taghhom ta’ htija li l-Qorti Kriminali setghet taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, u dan in forza ta’ dak li llum huwa subartikolu (2) tal-Artikolu 492. Din id-disposizzjoni evidentement dahlet biex tippermetti aktar latitudini lill-gudikant filwaqt li fl-istess hin thajjar lil min lest li jammetti reati simili u li jahseb li ghandu ragunijiet validi ghala m’ghandux jinghata l-piena tal-ghomor biex jaghmel hekk. Il-legislatur kien, evidentement, prudenti hafna f’dan ir-rigward u ma imponiex piena determinata fil-kaz ta’ ammissjoni simili – huwa halla l-possibilita` tal-piena indeterminata tal-ghomor billi halla fid-diskrezzjoni tal-gudikant – *“…<u>tista’</u>, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena…”.* Il-kwistjoni kollha, ghalhekk, f’dan il-kaz hija dwar jekk il-Qorti Kriminali kienitx korretta ossia gustifikata li, flok ma tapplika piena determinata fil-parametri indikati fl-imsemmi subartikolu (1), tapplika l-piena “ordinarja” jew “normali” tal-prigunerija ghall-ghomor.

8. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa, bazikament, li f’dan il-kaz kien hemm l-ingredjenti kollha mehtiega ghall-applikazzjoni ta’ piena ta’ prigunerija determinata. Huwa jenfasizza b’mod partikolari li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-ammissjoni tieghu kienet wahda “bikrija” b’mod li, skond il-regoli normali fejn ikun hemm ammissjoni, kellu jkun hemm “discount” fil-piena. Jikkontendi li d-disposizzjoni in dizamina tindika espressament dak l-istadju “qabel ma jigi

ffurmat il-guri" b'mod ghalhekk – dejjem skond l-appellant – li sakemm jigi ffurmat il-guri wiehed ma jistax jitkellem dwar ammissjoni mhux bikrija – tkun mhux bikrija jekk din ssir wara li jigi ffurmat il-guri. L-appellant jikkritika dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali qalet li huwa *"[had] delayed his plea until the final moment"* u jispjega li huwa addirittura ammetta meta lanqas kienu ghadhom saru l-kopji tal-process u anqas kienu gew imharrka l-gurati; li huwa ma ppresenta ebda eccezzjonijiet preliminari bhala forma ta' "delaying tactics", kif ukoll li huwa ammetta fl-ewwel okkazjoni li kellu appena l-Avukat Generali ppresenta n-nota tieghu tat-28 ta' Mejju 2004. Kif kompla jfisser l-abbili difensur tieghu, Dott Emanuel Mallia, fil-kors tat-trattazzjoni orali, l-istadju li fih ammetta l-appellant kien wiehed fejn ma kienu ghadhom gew inkorsi ebda spejjez mill-amministrazzjoni tal-Qorti, addirittura anqas kienu ghadhom gew imharrka x-xhieda.

9. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti hi tal-fehma li taht certi aspetti l-appellant ghandu ragun, izda taht ohrajn ma ghandux. Infatti, wiehed jista', verament, jghid li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, meta dak li jkun ghandu l-piena ta' prigunerija ghal ghomru mdendla fuq rasu, iz-zmien li fih l-appellant odjern ammetta kien wiehed "bikri". Huwa veru li huwa seta' ammetta wkoll qabel, cioe` fi kwalsiasi stadju minn meta gie notifikat bl-Att ta' Akkuza 'l quddiem; seta' anke irregistra ammissjoni fil-kors tal-istruttorja; pero` wiehed m'ghandux jippretendi li f'kazijiet hekk serji l-akkuzat m'ghandux jiehu z-zmien tieghu biex iqis u jwiezen sew u akkuratament ic-cirkostanzi kollha qabel ma jammetti. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, dan ma kienx kaz fejn wiehed kellu jaghti xi importanza partikolari – kif effettivament ghamlet dik il-Qorti – ghal kemm kienet jew ma kinitx "bikrija" l-ammissjoni tal-akkuzat. Il-kwistjoni tal-piena f'dan il-kaz tippernja fuq cirkostanza kompletament differenti minn jekk l-akkuzat ipprecipitax ruhhu jirregistra ammissjoni jew le, u cioe` fuq il-gravita` tar-reat u l-mod kif dan twettaq. Jidher ukoll li f'dan il-kaz seta' kien hemm xi dubju dwar jekk l-Artikolu 492(1) kienx japplika o meno ghall-kaz – u dan peress li r-reat sehh qabel ma din id-disposizzjoni dahlet fil-Kodici

Kriminali. Jidher li kien proprju ghalhekk, infatti, li l-Avukat Generali ppresenta n-nota tat-28 ta' Mejju 2004 li tghid testwalment hekk:

**"Nota ta' l-Avukat Generali: Li biha jindika li, fl-eventwalita` biss li l-akkuzat Andy Calleja jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontrih, ovvjament u legalment tkun applikabbli d-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali, u, ghaldaqstant, fi hdan dak il-parametru ta' piena mholli lid-diskrezzjoni tal-Qorti, din l-Onorabbli Qorti ser tkun fl-ahjar posizzjoni li tiddeciedi u tinfliggi piena ta' prigunerija ghal periodu li jidhrilha tkun xierqa, idonea u adegwata ghac-cirkostanzi u fattispecie tal-kaz."**

Ghalkemm il-kliem uzat f'din in-nota huwa stramb u bombastiku ghall-ahhar, il-portata tan-nota hija cara – l-Artikolu 492(1) kien applikabbli ghall-kaz f'kaz li jkun hemm ammissjoni (ovvjament qabel ma jigi ffurmat il-guri). Forsi wiehed jista' jargumenta li din in-nota anqas kien hemm bzonnha in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, pero` l-istess appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, qed jorbot l-ammissjoni tieghu mal-fatt tal-presentata ta' din in-nota fis-sens li kien biss wara din in-nota li huwa deherlu li kellu jammetti, u b'mod ghalhekk li huwa jigi li ammetta minnufih wara li l-posizzjoni kienet giet kjarifikata u ghalhekk l-ammissjoni tieghu kienet wahda bikrija. Pero` l-appellant m'ghandux ragun meta, fil-kuntest ta' dan l-aggravju, jghid li l-Avukat Generali b'din in-nota biddel il-posizzjoni originali tieghu minn kif kienet fl-Att ta' Akkuza, b'mod li, bhal speci, l-istess Avukat Generali ma kienx qed jinsisti fuq il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. Dan l-argument l-appellant jerga' jaqbdu anke fil-kuntest tat-tieni aggravju, u anke l-abbili difensur Dott. Emanuel Mallia, fit-trattazzjoni tieghu, argumenta li b'din in-nota l-iStat kien qed jirrinunzja ghall-piena massima. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kulma ghamlet din in-nota kienet li gibdet l-attenzjoni ta' kulhadd ghall-fatt li, f'kaz ta' ammissjoni, kien ikun applikabbli l-Artikolu 492(1) imsemmi bid-diskrezzjoni hemmhekk imhollija

f'idejn il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena. Infatti, meta fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2004, qabel ma gew registrati l-ammissjonijiet tal-akkuzati kollha (inkluz l-appellant odjern) saru l-korrezzjonijiet fl-Att ta' Akkuza, l-Avukat Generali baqa' jitlob il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor fir-rigward ta' l-appellant, u talab piena li ma kienitx dik ghall-ghomor fir-rigward biss tal-ko-akkuzati l-ohra.

10. It-tieni aggravju ta' l-appellant kif migjub fir-rikors ta' appell hu fis-sens li, bin-nota msemmija tat-28 ta' Mejju 2004 abbinata mal-ammissjoni tieghu, il-partijiet kienu "moralment u legittimament" ghamlu "sejha solenni lill-ewwel Onorabbili Qorti biex tinfliggi piena ta' prigunerija bejn tmintax-il sena u tletin sena". Anke jekk b'dik in-nota wiehed jista' jghid li l-Avukat Generali kien qed jistieden lill-Qorti tapplika piena ta' prigunerija determinata – din il-Qorti diga ghamlitha cara li ma tarax li dan kien l-iskop ta' dik in-nota – il-kwistjoni tal-piena f'dan il-kaz kienet fl-ahhar mill-ahhar imhollija fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fit-termini ta' l-imsemmi Artikolu 492(1). L-appellant fir-rikors ta' appell tieghu jikkoncedi li f'dan il-kaz ma saritx talba konguntiva fit-termini tal-Artikolu 453A tal-Kodici Kriminali[3]. Ghalhekk il-piena mitluba mill-Avukat Generali fl-Att ta' Akkuza setghet kienet biss dik ta' prigunerija ghall-ghomor, ghax din hija l-piena stabbilita mill-ligi – Artikolu 272 tal-Kap. 9 – u kulma seta' jaghmel l-imsemmi Avukat Generali f'dan il-kaz – u effettivament hekk jirrizulta li ghamel – kien li, f'kaz ta' ammissjoni, jirrimetti ruhhu ghad-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali fir-rigward tal-piena. Il-Qorti Kriminali iddecidiet li f'dan il-kaz kellha tinfliggi piena ta' prigunerija indeterminata, u ghalhekk il-kwistjoni issa devoluta fuq din il-Qorti hija, kif diga' gie osservat, jekk ghandhiex f'dan il-kaz tinghata l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor jew jekk ghandhiex tinghata piena ta' prigunerija determinata – u dan indipendentement minn dak kollu li l-ewwel Qorti setghet qalet jew ma qalitx bhala motivazzjoni ghad-decizjoni taghha.

[3] Assumendo li dan l-artikolu huwa applikabbli meta l-piena ghar-reat tkun dik tal-prigunerija ghall-ghomor.

11. It-tielet aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li f'kazijiet ohra – li huwa jelenka – ma kienitx inghatat il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, u ghalhekk iqis li f'dan il-kaz il-piena li nghatatlu kienet eccessiva. Issa, huwa appena necessarju jinghad li "comparisons are odious" minhabba l-fatt li ebda kaz ma jkun identiku ghall-iehor. Bizzejjed jinghad li fil-kazijiet kollha elenkati mill-appellant fir-rikors tieghu ebda wiehed minnhom ma jinvolvi <u>l-qtil ta' ufficjal tal-pulizija fil-kors tal-qadi tad-doveri tieghu</u> – li hija verament il-pern tal-kwistjoni kollha f'dan il-kaz.

12. Ir-raba' u l-hames aggravji jistghu konvenjentement jigu kkunsidrati flimkien. Kien infatti fil-kuntest tal-hames aggravju li l-appellant talab ukoll li jithejja *pre-sentencing inquiry report*. Bazikament l-appellant jikkontendi li l-iskop tal-piena huwa r-riforma tal-hati "u mhux il-vendikazzjoni tas-socjeta`". Huwa jissottometti li "il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, fil-konfront ta' l-esponent fl-eta` ta' 23 sena, mhijiex tal-ghamla li tirriforma, ghaliex prigunerija ghall-ghomor bhala tali taqta' u telimina kull tama li s-sentenzjat jehtieg li jkollu biex effettivament jirriforma ruhhu". Huwa jispjega wkoll ic-cirkostanzi personali tieghu, it-trobbija difficli li huwa kellu, u s-sens ta' abbandun li huwa kellu fi tfulitu u f'zghozitu li wasluh ghad-droga u ghall-kumpanija hazina.

**"Bla direzzjoni u f'dik l-eta`,"** ikompli l-appellant **"l-esponent ma kienx qed jaghraf x'kien qed jinhema fih ghal futur xejn sabih. Illi minghajr ma joqghod itawwal, l-esponent jistqarr li verament spicca hazin. Jilmenta li meta spicca l-habs (ara fedina penali), gie mqieghed ma' persuni akbar minnu fl-eta` u ta' certu esperjenza fil-malavita. Huwa jghid li din l-esperjenza kompliet gharqitlu hajtu. Illi bla dubbju, il-kaz odjern kien il-kulminu tal-hajja mwieghra. Hajja bla kontrolli, droga, eccessi. Kien biss wara dan il-kaz li l-esponent qam minn holma kerha u beda jirraguna u jaghraf f'hiex kien jinsab. Jiddispjacieh, u jiddispjacieh vera. Gharkobbtejh, gharaf li jrid ihallas ta' ghemilu. Illi huwa ammetta fl-istqarrija lill-Pulizja u ppersista fl-ammissjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali."**

Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-abbili difensur tieghu, Dott. Emanuel Mallia, kompla sahaq li l-appellant ma jistax verament jissejjah, kif sejhitlu l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, "minaccja serja ghas-socjeta`", b'mod ghalhekk ukoll li ma kienitx indikata l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor.

13. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellant – kif ukoll dwar l-argumenti migjuba mill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said fil-kors tat-trattazzjoni orali. Din il-Qorti tistqarr li mhix insensittiva ghall-fatt li quddiemha ghandha persuna li ghadha ma ghalqitx il-hamsa w ghoxrin sena – taghlaqhom f'Lulju li gej – u li tidher li verament iddispjaciha ghal dak li ghamlet. Kemm sa issa irriformat ruhha (kemm ilha l-habs in konnessjoni ma' dan il-kaz) u kemm bihsiebha tirriforma ruhha fil-futur, iz-zmien biss jista' jghid u jaghti parir. Certament, pero`, din il-Qorti ma tistax tinjora la l-fedina penali ta' l-appellant – fedina penali li, kif osservat l-ewwel Qorti, turi moviment gradwali minn reati ta' ftit importanza ghal reati dejjem aktar serji – u lanqas il-fatt li f'dan il-kaz l-appellant qatel tista' tghid kiesah u biered ufficjal tal-pulizija waqt li dan kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Jinghad "kiesah u biered" ghax fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm verament xejn xi jzomm lill-appellant, appena dahal fil-bank, milli flok ma jispara lill-Kuntistabbli Debattista -- <u>li kien biss xi tlett metri 'l boghod minnu u ga leggerment ferut</u> [4] -- imur jigri ghal fuqu u jiddisarmah, jekk hemm bzonn anke b'daqqa tas-senter li kellu, flok ma jisparalu. Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' "vendikazzjoni tas-socjeta" fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-risarciment tad-dannu da parti tal-hati (haga li f'dan il-kaz ma tistax issir ghal ragunijiet ovvji) kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li <u>tigi protetta s-socjeta`</u>. Dan l-iskop jitwettaq kemm

[4] Ara r-relazzjoni tal-esperti ballistici, ga msemmija, fol. 455.

billi fil-kaz ta’ persuni li b’ghemilhom juru li huma ta’ minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta’ reati gravi, <u>is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta’ deterrent generali</u>. Il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena. Issa, fil-kaz *de quo*, tenut kont tal-gravita` tar-reat fit-tieni kap – serq kwalifikat b’omicidju volontarju – ma hemmx dubbju li l-piena ghandha tkun wahda severa hafna. Din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li ghandha dover partikolari li tipprotegi lil dawk il-membri tal-forzi tal-ordni pubbliku li jaghmlu ghassa ma’ banek u postijiet ohra fejn il-presenza taghhom tkun hekk mehtiega. Il-messagg ghandu jkun wiehed car: min jaqbad u jiehu arma biex juzaha, u effettivament juzaha, f’cirkostanzi bhal dawk tal-kaz in dizamina b’mod li persuna titlef hajjitha, <u>ghandu jistenna li jinghata l-oghla piena li tippermetti l-ligi, cioe` dik tal-prigunerija ghall-ghomor</u>. Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz din il-Qorti ma tarax li ghandha tbiddel il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti tifhem li l-appellant jista’ verament, maz-zmien, jirriforma ruhhu u ghandu jkollu l-possibilita` li xi darba – dment dejjem li juri li ma huwiex aktar ta’ perikolu ghas-socjeta` – jerga jidhol fis-socjeta`. Pero` hawn qed nitkellmu dwar xi haga li tista’ tavvera ruhha fil-futur daqs kemm tista’ ma tavverax ruhha, u ghalhekk ghandha tithalla biex tigi regolata bil-prerogattiva tal-mahfra tal-President. Biex, pero`, jigi facilitat, jekk ikun il-kaz, l-ezercizzju ta’ tali prerogattiva, din il-Qorti sejra tipprocedi skond l-Artikoli 493[5] u 494[6] tal-Kodici Kriminali. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, galadraba il-Qorti Kriminali ma ghamlitx uzu minn dawn id-disposizzjonijiet[7], u galadarba din il-Qorti sejra tikkonferma il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, din il-Qorti ghandha wkoll il-fakolta` li tipprocedi skond l-

[5] Art. 493: “Wara li tikkundanna persuna ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-qorti tista’ tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi zmien erbgha u ghoxrin siegha l-inqas zmien li fil-fehma taghha ghandu jghaddi qabel ma l-prigunier jigi mehlus mill-habs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista’ taraha l-persuna li tkun giet ikkundannata, u kopja taghha tinzamm mir-registratur.”

[6] Art. 494: “Kull imhallef li jkun qaghad f’kawza jista’ jirrakkomanda lill-President ta’ Malta il-persuna ikkundannata ghall-mahfra jew ghat-tnaqqis tal-piena, billi jaghmel ghaldaqshekk rapport bil-miktub imsahhah bir-raguni ta’ dik ir-rakkomandazzjoni.”

[7] Kieku ghamlet hekk uzu, il-prassi kienet titlob li ssir referenza fis-sentenza.

imsemmija disposizzjonijiet u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet opportuni.

14. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------